MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 317/2009

**Maria sive Mary Portelli**
**(ID-264M)**

**vs**

**Ray's Jewellery Limited (C-6057)**
**u b'digriet moghti nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2009**
**gew Ordnati kjamati in kawza Carmelo sive Charles**
**Grima, Alister**
**Camilleri u Anthony Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi nhar it-2 ta' Frar, 2009 hi sfat misruqa u f'din is-serqa nsterqilha d-deheb taghha; illi fil-kors tal-investigazzjoni mill-Pulizija Esekuttiva rrizulta li l-hallelin jew xi hadd minnhom kien biegh id-deheb lill-konvenut nomine; illi meta l-attrici marret titlob lura d-deheb taghha giet informata mill-konvenut nomine li dan gie mdewweb u

b'hekk ma setghax jigi ritornat;  illi l-konvenut nomine offra kumpens f'ammont irrizorju li ma kienx accettabbli;  illi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat baqa inadempjenti.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut nomine ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba tal-attrici kif rivolta fil-konfront ta' l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-istess eccipjenti ma hijiex il-legittima kontradittur, u inoltre, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-eccipjenti u l-attrici; illi inoltre, u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba ta' l-attrici ghandha tigi rivolta fil-konfront ta' Charles Grima, Allistair Camilleri u Anthony Cutajar, li kienu l-persuni li serqu d-deheb in kwistjoni, u ghalhekk huma ghandhom jigu kjamati in causa;  salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz, u bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-kjamati in kawza gew debitament notifikati bl-Avviz, u l-kjamati in kawza Alister Camilleri u Anthony Camilleri ddikjaraw li kienu ser jikkontestaw il-kawza, huma ma pprezentawx risposta fit-terminu preskritt mil-Ligi.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fil-konfront tal-kjamati in kawza, u l-fatt li l-istess kjamati in kawza naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet li giet ipprezentata mill-attrici.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attrici qed titlob illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess attrici s-

somma ta’ elfejn mitejn u tnax-il Ewro u disghin centezmu (€2,212.90c), rapprezentanti l-valur ta’ oggetti tad-deheb illi nsterqu minghandha, u li nbieghu lis-socjeta’ konvenuta. Illi s-socjeta’ konvenuta, filwaqt illi qed tikkontendi illi m’hix il-legittimu kontraditrici, talbet illi jigu kjamati in kawza l-persuni li bieghulha d-deheb, u cioe’ Carmelo sive Charles Grima, Alister Camilleri u Anthony Cutajar.

Illi l-attrici ddikjarat illi fit-2 ta’ Frar, 2009 giet aggredita fid-dar taghha stess minn persuna, u li dan hadilha l-oggetti tad-deheb li kellha fuq il-persuna taghha, u li kienu jikkonsistu f’choker tad-deheb, u erba’ (4) cpipet. Illi fid-deposizzjoni taghha hi ma ddikjaratx isem tal-persuna li serqitha, madanakollu, ipprezentat kopja ta’ tliet (3) sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fil-konfront tat-tliet (3) kjamati in kawza, tali sentenzi lkoll relattivi ghas-serqa in kwistjoni, u fejn lkoll instabu hatja

Illi l-attrici ddikjarat ukoll illi fuq informazzjoni li nghatat mill-Pulizija, hi avvicinat lir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta lil min kien inbiegh id-deheb, u talbitu d-deheb lura. Illi dan da parti tieghu, ddikjara illi dawn l-oggetti ma setax jirritornahom, ghaliex kien dewwibhom.

Illi l-attrici pprezentat dokument, ossia ricevuta, li minnu jirrizulta l-valur tal-oggetti misruqa (*a fol.* 2), u li gie debitament ikkonfermat bil-gurament minn min irrilaxxjah, u cioe’ Joseph Lewis, li kien il-persuna minghand min l-attrici xtrat l-oggetti tad-deheb relattivi.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, permezz tad-deposizzjoni tieghu, iddikjara illi xtara oggetti tad-deheb minghand il-kjamati in kawza. Illi hu ddikjara wkoll illi lill-kjamati in kawza ma kienx jafhom, u ma kienx jaf minn fejn gabu l-oggetti tad-deheb. Iddikjara illi talab il-karta ta’ identita’ lil wiehed minnhom, kif tirrikjedi l-procedura meta wiehed imur sabiex ibiegh oggetti tad-deheb, u li dan tahhilu. Illi konsegwentement, hu xtara l-oggetti tad-deheb in kwistjoni, u ghalhekk hallas prezzhom lill-kjamati in kawza.

Illi l-istess xhud iddikjara illi sussegwentement baghtu ghalih il-Pulizija in konnessjoni ma’ dan id-deheb, ghaliex kien gie misruq, u li kien f’dan l-istadju illi ltaqa’ mal-attrici, li nformatu illi d-deheb li kien xtara minghand il-kjamati in kawza kien insteraq minghandha. Illi fuq suggeriment tal-Ufficjali tal-Pulizija li kien qed jinvestiga dan il-kaz, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ghamel offerta lill-attrici, u dan fis-sens illi offrilha xi fili li kienu ta’ valur ekwivalenti ghall-oggetti li kienu nsterqu; madanakollu, din l-offerta l-attrici ma accettathix. Illi l-istess xhud iddikjara illi ma kienx f’posizzjoni li jikkonsenja lura l-oggetti li nsterqu, ghaliex dawn hu dewwibhom l-ghada stess.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta illi d-deheb mertu ta’ din il-kawza, u proprjeta’ tal-attrici, insteraq mill-kjamati in kawza u gie mibjugh lis-socjeta’ konvenuta. Illi ma jirrizultax x’prezz thallas mis-socjeta’ konvenuta lill-kjamati in kawza ghal dawn l-oggetti, madanakollu, n-negozju bejniethom gie konkluz. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ddikjara li ma kienx jaf li l-oggetti in kwistjoni kienu misruqin. Madanakollu, skond il-verzjoni moghtija minnu stess, hu qabad u dewweb dawn l-oggetti l-ghada stess. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta ddikjara wkoll illi fuq suggeriment tal-Ispettur tal-Pulizija li kien qed jinvestiga l-kaz, hu ghamel offerta sabiex jikkumpensa lill-attrici, u dan billi offrilha oggett iehor tad-deheb li kellu valur ekwivalenti ghall-oggetti li kienu nsterqu minghandha u nbieghu lilu.

Illi bhala stat ta’ fatt, irrizulta illi l-oggetti in kwistjoni gew ikkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta, u li din hallset prezz ghalihom lill-kjamati in kawza. Illi dan gie kkonfermat mill-uniku kjamat in kawza li xehed f’dawn il-proceduri, Alister Camilleri, li kkonferma illi thallsu tad-deheb u li t-tlieta li huma hadu parti minn dawn il-flus. Illi ghalhekk, u gialadarba l-hlas li rcivew il-kjamati in kawza kien ghal oggetti li ma kienux jappartjenu lilhom u proprjeta’ taghhom, allura l-hlas ma kienx dovut lilhom, u dawn

huma tenuti li jhallsu lill-attrici l-ammont minnha mitlub, liema ammont jirraprezenta l-valur tal-oggetti li gewwa misruqa minghandha.

Illi f'dak li jirrigwarda s-socjeta' konvenuta, mill-provi mressqa ma jirrizultax illi l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt illi l-oggetti mibjugha lilu kienu misruqa, u lanqas ma ngabet prova li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta nstab hati ta' ricettazzjoni, jew li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu f'dan ir-rigward. Illi ghalkemm ic-cirkostanzi li wasslu ghal tali negozju jistghu jigu meqjusa bhala indikattivi ta' agir suspettuz da parti tal-kjamati in kawza, dan ma jfissirx necessarjament illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien jaf li l-oggetti kienu misruqin. Illi ghalkemm saret offerta mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta lill-attrici sabiex tigi kkumpensata, l-istess rapprezentant ddikjara illi tali offerta saret unikament ghaliex kien sar suggeriment f'dan is-sens mill-Ispettur li kien qed jinvestiga l-kaz, u mhux bhala ammissjoni ta' htija u/jew involviment minnu fl-azzjoni kriminuza kommessa mill-kjamati in kawza.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jistax isib htija fis-socjeta' konvenuta, u dan tenut kont tal-fatt illi l-istess socjeta' konvenuta hallset lill-kjamati in kawza ghall-oggetti kkonsenjati lilha; illi ghalkemm mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax kemm hallset is-socjeta' konvenuta lill-kjamati in kawza ghall-oggetti proprjeta' tal-attrici, jidher illi l-konvenut wettaq hlas lill-kjamati in kawza. Illi ghalhekk, anke a bazi ta' ekwita', dan it-Tribunal ma jistax jghaddi sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta – flimkien u solidalment mal-kjamati in kawza – thallas l-ammont mitlub mill-attrici, ghaliex kemm-il darba jsir hekk, allura din tkun qed tigi kkundannata twettaq hlas doppju ghal oggetti li, ai fine dei conti, tajjeb jew hazin, 'gia hallset ghalihom.

Illi fattur iehor li t-Tribunal huwa tal-fehma li huwa rilevanti ghal dan il-kaz, u li ma ngabet ebda prova dwaru, huwa l-prezz li thallas mis-socjeta' konvenuta lill-kjamati in kawza. Illi prova fir-rigward tal-prezz kienet tkun indikattiva ta' jekk in-negozju li sar bejn is-socjeta'

konvenuta u l-kjamati in kawza kienx wiehed legittimu; madanakollu, tali prova ma saritx minn ebda wahda mill-partijiet f'din il-kawza.

Illi konsegwentement, u fid-dawl tal-fatt illi mill-provi mressqa mill-partijiet ma jirrizultax sodisfacentement illi s-socjeta' konvenuta kienet taf illi l-oggetti tad-deheb ikkonsenjati lilha kienu misruqin, u lanqas ma jirrizulta l-prezz li din l-istess socjeta' konvenuta hallset lill-kjamati in kawza, allura t-Tribunal ser jghaddi sabiex jehles lill-istess socjeta' konvenuta mir-responsabilita' ta' hlas lill-attrici ghall-oggetti tad-deheb li gew misruqa minghandha u li nbieghu mill-kjamati in kawza lis-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant, filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta u jillibera lill-istess socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, jikkundanna lill-kjamati in kawza, flimkien u in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' elfejn mitejn u tnax-il Ewro u disghin centezmu (€2,212.90c), bl-imghax mid-data ta' meta gew notifikati bl-azzjoni odjerna.

Bl-ispejjez jithallsu mill-istess kjamati in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------